




IL-KUNSILL TAL-UE SPJEGAT NITGĦALLMU FLIMKIEN

Lezzjoni għal studenti bi profil ta' prattika fl-edukazzjoni
sekondarja ($\pm$ minn 12 sa 19-il sena)

Manwal pass pass għall-professjonisti tal-edukazzjoni



Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

WERREJ

LEZZJONI MAĦSUBA L-AKTAR GĦAL STUDENTI BI PROFIL TA' PRATTIKA FL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA	3
--	----------

MESSAĠĠ EWLIENI U PERSPETTIVI TA' TAGĦLIM	4
--	----------

Perspettivi ta' tagħlim għal studenti bi profil ta' prattika fl-edukazzjoni sekondarja	4
--	---

STRUTTURA, ĦIN U TĦEJJIJA TAL-LEZZJONI	5
---	----------

Tħejjijiet	5
Kif tista' tipprepara?	5
Materjal u ħoloq	6
Informazzjoni ta' sfond għall-għalliema	6

PASS PASS	7
------------------	----------

Pass Nru 1: Introduzzjoni (massimu 5 minuti)	7
Pass Nru 2: Attività nibnu flimkien (massimu 15-il minuta)	8
Introduzzjoni (massimu 3 minuti)	8
Jitlesta l-kompitu (5 minuti)	9
L-għadd tal-imwejjed lesti (massimu ta' 2 minuti)	9
Riflessjoni (massimu 3 minuti)	9
Ir-rabta mas-suġġett (massimu 3 minuti)	9
Pass Nru 3: Filmat #europeans u diskussjoni (massimu 15-il minuta)	10
Il-filmat (massimu 5 minuti)	10
Diskussjoni (massimu 10 minuti)	10
Pass Nru 4: Kwizz (10 minuti)	11
Agħmel timijiet u spjega kif jaħdem il-kwizz (massimu 2 minuti)	11
Mistoqsijiet tal-kwizz (skont kemm baqagħlek ħin, minimu 5 minuti)	12
Pass Nru 5: Tmiem il-lezzjoni (minimu 5 minuti)	13

TRID TQATTA' AKTAR ĦIN TGĦALLEM DWAR IL-KUNSILL?	14
---	-----------

LEZZJONI MAĦSUBA L-AKTAR GĦAL STUDENTI BI PROFIL TA' PRATTIKA FL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

Dan il-manwal huwa parti minn pakkett tal-edukazzjoni ċivika dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kunsill Ewropew. Hemm lezzjonijiet f'erba' kategoriji, biex jiġi żgurat li jkun hemm lezzjonijiet xierqa għal diversi livelli edukattivi fl-UE.


Il-manwal li qed taqra bħalissa huwa għal lezzjoni li ġiet żviluppata b'mod speċjali għaż-żgħirażgħ Ewropej ta' bejn it-12 u d-19-il sena. Il-lezzjoni hija adattata għall-istudenti fl-edukazzjoni sekondarja li jippreferu jitgħallmu bil-prattika pjuttost milli mill-kotba u l-lekċers.

Jekk din il-lezzjoni mhijiex adattata għall-grupp tiegħek jew jekk inti tgħallim ukoll gruppi oħra f'livelli edukattivi differenti, jekk jogħġbok ara l-lezzjonijiet l-oħra fil-pakkett tal-edukazzjoni ċivika li huma aktar għal:

- **Studenti bi profil ta' teorija fl-edukazzjoni sekondarja (± minn 12 sa 19-il sena)**
- **Studenti bi profil ta' Prattika fl-edukazzjoni terzjarja (± minn 17 sa 25 sena)**
- **Studenti bi profil ta' teorija fl-edukazzjoni terzjarja (± minn 17 sa 25 sena)**

Jekk tixtieq tqatta' aktar ħin tgħallim dwar l-UE lill-istudenti bi profil ta' Prattika fl-edukazzjoni sekondarja [tista' ssib aktar materjal hawnhekk](#). **Nota:** Dejjem ibda b'din il-lezzjoni, peress li tintroduċi l-UE b'mod aċċessibbli għall-grupp fil-mira.

Dan il-pakkett tal-edukazzjoni ċivika huwa disponibbli bil-**lingwi uffiċjali kollha tal-UE**. Tista' tuża l-lezzjoni b'lingwa differenti minn tiegħek għal Tagħlim Integrat tal-Kontenut u tal-Lingwa (CLIL), u b'hekk tikkombina l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza mat-tagħlim ta' lingwa barranija.



Din il-lezzjoni taqdi l-ħtiġijiet edukattivi ta' studenti bħal Andrea.

Andrea (15) tixtieq taħdem fl-industrija tal-moda jew is-sbuħija meta tispiċċa l-iskola, iżda għadha mhix ċerta.

Fil-lezzjoni ideali tagħha hija ma tintalabx tisma' għal aktar minn 10 minuti u tista' tagħmel attività fi grupp ma' sħabha.

Tixtieq issir taf għaliex u kif naħdmu flimkien fl-UE, u fuq liema suġġetti. Għandha bżonn eżempji ċari biex tifhem kif l-UE taffettwalha ħajjitha. Andrea hija kurjuża dwar pajjiżi oħra Ewropej u x'għandu komuni pajjiżha ma' dawn il-pajjiżi.

MESSAĠĠ EWLIENI U PERSPETTIVI TA' TAGĦLIM

Il-pakkett tal-edukazzjoni ċivika mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew għandu l-għan li jispjega "għaliex, xiex u kif" b'rabta mal-UE u l-istituzzjonijiet tagħha. L-enfasi hija fuq l-affarijiet tal-UE qrib l-interessi tal-istudenti, u fuq li jitħallew jirriflettu u jiddiskutu kif dawn jaffettwaw lhom ħajjithom.

Ħafna ċittadini żgħażaġh tal-UE jaraw l-integrazzjoni Ewropea bħala fatt miksub. Il-pakkett jagħtihom għarfien dwar għaliex is-27 membru tal-Unjoni Ewropea jagħżlu li jaħdmu flimkien. Din tidher mistoqsija sempliċi, iżda fil-fatt hija xi ħaġa li jridu jgħaddu minnha huma stess biex jifhem verament għaliex ċerti kwistjonijiet ma jistgħux jiġu indirizzati fuq livell nazzjonali — u għaliex huwa importanti li jinstabu soluzzjonijiet li jaħdmu għall-Ewropej kollha. Hawnhekk, fil-Kunsill tal-UE u fil-Kunsill Ewropew, il-pajjiżi tal-UE jinnegożjaw sakemm isibu soluzzjoni li taħdem għal kulħadd. Titħaddem il-kooperazzjoni, bis-solidarjetà fil-qalba tagħha.

Għalhekk, il-messaġġi ewlenin tal-pakkett tal-edukazzjoni ċivika dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea/il-Kunsill Ewropew huma:

- Il-politika Ewropea hija dwarek (xiex u kif)
- Is-27 pajjiż tal-UE qed jaħdmu flimkien għall-ġid komuni (għaliex)

PERSPETTIVI TA' TAGĦLIM GĦAL STUDENTI BI PROFIL TA' PRATTIKA FL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

- Wara din il-lezzjoni l-istudenti ser ikunu jistgħu jifhem aħjar għaliex is-27 pajjiż tal-UE (magħrufa bħala l-Istati Membri) jaħdmu flimkien fl-UE u jkunu jistgħu jagħtu eżempji ta' oqsma ta' politika u suġġetti li l-UE għandha rwol attiv fihom.
- Matul din il-lezzjoni l-istudenti ser jaħdmu flimkien biex iwettqu eżerċizzji u jkunu jistgħu jesprimu l-ħsbijiet u l-għarfien tagħhom. L-istudenti ser jiskopru l-benefiċċji tal-ħidma flimkien.
- Wara din il-lezzjoni l-istudenti ser ikunu jistgħu jiddistingwu bejn l-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE.
- Wara din il-lezzjoni l-istudenti ser ikunu jafu xi fatti bażiċi dwar l-UE.

STRUTTURA, ĦIN U TĦEJJJA TAL-LEZZJONI

Din il-lezzjoni hija mfassla biex tiġi mgħallma matul l-iskeda regolari tiegħek tal-iskola. Idealment tista' titlesta f'40–50 minuta, iżda tista' tiġi adattata għall-ħin disponibbli. Hawn taħt issib suġġeriment għat-tqassim tal-ħin tal-lezzjoni, bl-attivitajiet u l-materjal li għandu jintuża. Deskrizzjoni pass pass tinsab hawn taħt.

5 MIN	ATTIVITÀ NIBNU FLIMKIEN (15-IL MIN)	FILMAT #EUROPEANS (5 MIN)	DISKUSSIONI (10 MIN)	KWIŻŻ (10 MIN)	5 MIN
-------	--	-------------------------------------	-----------------------------	-----------------------	-------

50 MINUTA

Jekk m'għandekx biżżejjed ħin matul il-lezzjoni, ikun aħjar jekk tħalli l-kwiżż barra u tlesti l-attivitajiet l-oħra kif suppost.

TĦEJJJIET

Din il-lezzjoni hija lesta biex il-professjonisti tal-edukazzjoni jużawha billi jsegwu l-istruzzjonijiet pass pass ta' hawn taħt. Madankollu, hemm bżonn tħejjija tajba. Skont kemm taf fuq is-suġġett u l-esperjenza bħala edukatur, it-tħejjija tista' teħodlok bejn kwarta u siegħa.

» Kif tista' tipprepara?

Hu ħsieb li taf kemm-il student ser jipparteċipa u kemm għandek ħin. Jekk il-lezzjoni kif deskritta fil-manwal ma taqbilx mal-għadd ta' studenti jew il-ħin tal-lezzjoni disponibbli, tista' tadattaha. Jekk ikollok bżonn tbiddel l-istruttura tal-lezzjoni, nirrakkomandaw li tinżamm qrib kemm jista' jkun tal-oriġinali, li għaliha tista' tuża s-slides ipprovduti.

Għall-attività Nibnu flimkien:

- Ikkalkula kemm-il mejda b'kollox tista' ssir bin-numru ta' studenti li għandek fil-klassi billi taqsam in-numru ta' studenti f'erbgħa.
Jekk qed tippjana li taħdem b'pari, kull par jirċievi żewġ kards. Jekk l-istudenti jaħdmu individwalment (meta jkun hemm inqas minn 12-il student fil-grupp) jirċievu kard waħda kull wieħed (jista' jkollok bżonn tagħti żewġ kards lil xi studenti).
- Iddawnlowdja d-deskrizzjoni u l-kards tal-eżerċizzju. Ipprintja n-numru ta' deskrizzjonijiet tal-eżerċizzju (waħda għal kull par) u l-kards li għandek bżonn.
- Hu ħsieb li jkollok żewġ kards x'tagħti lil kull par. Iż-żewġ kards li jkollu l-par ma għandhomx ikunu l-istess. Ipprova ħawwadhom sabiex mhux il-pari kollha jkunu jistgħu jgħaqqdu l-forzi b'mod awtomatiku.

Għall-filmat u d-diskussjoni:

- Agħżel filmat li l-grupp tiegħek jista' jirrelata miegħu.
- Fittex dwar is-suġġett tal-filmat u ara jekk jeżistux proġetti simili fir-[reġjun](#) tiegħek.

Għall-kwiż:

- Hu ħsieb li taf it-tweġibiet it-tajba għall-mistoqsijiet u aqra dwar kwalunkwe tweġiba li ma kontx taf int stess.
- Iddeċiedi jekk tridx tagħti punti għat-tweġibiet it-tajba.

» **Materjal u ħoloq**

Il-materjali ta' appoġġ huma disponibbli fuq is-[sit tal-Kunsill](#).

- [Deskrizzjonijiet tal-eżerċizzji](#)
- [Kards](#)
- [Slides bil-PowerPoint](#)

» **Informazzjoni ta' sfond għall-għalliema**

Tista' ssib informazzjoni ta' sfond dettaljata dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew u l-Unjoni Ewropea inġenerali fuq is-siti web li ġejjin:

- <https://www.consilium.europa.eu>
- <https://europa.eu>

Jew agħti daqqa t'għajn lejn il-pubblikazzjoni "[L-Ewropa fi 12-il lezzjoni](#)" — Il-Politiki tal-Unjoni Ewropea.

PASS PASS

Fil-klassi, tista' tagħti l-lezzjoni billi ssegwi l-passi li ġejjin. Importanti li tiegħu ħsieb li tipprepara tajjeb, kif imfisser hawn fuq.

PASS NRU 1: INTRODUZZJONI (MASSIMU 5 MINUTI)

- Jekk huwa grupp li inti tgħallim regolarment, ilqagħhom għal-lezzjoni u għidilhom is-suġġett tal-lezzjoni, mingħajr ma tidħol f'wisq dettall.
- Jekk ikun grupp li ser taħdem miegħu darba biss, hu ħsieb li tilqagħhom u tintroduċi ruħek (ismek, l-organizzazzjoni u għaliex qegħdin miegħek illum). Għidilhom is-suġġett tal-lezzjoni tal-lum, mingħajr ħafna dettall.

Nota: skont kemm għandek ħin, tista' ssaqsi lil kulħadd biex jintroduċi ruħu; dan dejjem jgħin biex l-istudenti jħossuhom aktar kunfidenti u jaħdmu aktar mill-qrib flimkien.

1. Itlob lill-grupp biex jinqasmu tnejn tnejn. (Mhux meħtieġ jekk il-grupp ikun iżgħar minn 12-il student).
2. Hu ħsieb li jkun ċar kif trid li l-istudenti jaġixxu ma' xulxin fil-klassi. Din il-lezzjoni hija mfassla biex l-istudenti jaġixxu ma' xulxin u hija maħsuba sabiex kultant ikun hemm ftit konfużjoni, iżda jridu wkoll jismgħu l-istruzzjonijiet tiegħek u jikkalmaw jekk ikun meħtieġ. Oħloq xi regoli bażiċi jekk dan jgħinek. Pereżempju: jgħollu jdejhom, jistennaw meta jmisshom, ma jittkellmex f'daqqa, eċċ.

PASS NRU 2: ATTIVITÀ NIBNU FLIMKIEN (MASSIMU 15-IL MINUTA)

ATTIVITÀ — Nibnu flimkien

F'din l-attività kull par studenti ser jirċievi *żewġ kards* li fihom materjali li jistgħu jużaw biex jibnu mejda. Għandhom bżonn *erba' kards* b'kollox biex jibnu mejda.

Il-kards differenti huma:

- Wiċċ tal-mejda
- Saqajn tal-mejda
- Viti
- Turnavit

Jingħataw ukoll deskrizzjoni tal-eżerċizzju li tgħidilhom li jridu jkunu l-ewwel li jibnu mejda b'saħħitha.

Meta kulħadd ikollu l-kards u d-deskrizzjoni tal-eżerċizzju tiegħu, ikollhom ħames minuti biex ilestu l-eżerċizzju billi jaħdmu flimkien u/jew ipartu kards ma' gruppi oħra. Hawn jista' jinqala' ftit storbu (u dan huwa permess). Wara li terġa' tirrenja l-paċi fil-klassi, jingħadd kemm hemm imwejjed lesti (erba' kards).

L-għan tal-attività huwa li l-istudenti jitgħallmu li jistgħu jaħdmu flimkien ma' par(i) ieħor/ oħrajn. Inti tista' tkun l-ewwel li tibni mejda ma' grupp ta' erba' studenti. Jista' jkun li xi gruppi jkollhom suċċess, iżda forsi kien ikollhom aktar imwejjed li kieku bdew billi jaħdmu flimkien mal-grupp kollu biex jaraw il-kards ta' kulħadd, u liema kienu jaqblu ma' tagħhom.

- Gruppi iżgħar minn tnax-il student ma jaħdmux f'pari għal dan l-eżerċizzju, iżda waħedhom. Kull student jingħata kard waħda. Jekk l-għadd totali ta' studenti ma jkunx multiplu ta' erbgħa, xi studenti jingħataw żewġ kards.
- Waqt il-preparazzjoni għall-attività, ipprintja **l-kards u d-deskrizzjonijiet tal-eżerċizzju** u kkalkula l-għadd totali ta' mwejjed li ser ikun possibbli li jsiru.

» **Introduzzjoni (massimu 3 minuti)**

1. Hu ħsieb li kulħadd ikollu lil xi ħadd ma' min jaħdem u qassam id-deskrizzjoni tal-eżerċizzju u żewġ kards lil kull par. Xi pari jkollhom bżonn jieħdu kard waħda jew tlieta biex in-numri jkunu korretti.

Nota: Ipprepara kif deskritt hawn fuq fit-taqsima "tnejn".

2. Agħti lil kulħadd minuta jew tnejn biex jaqraw id-deskrizzjoni tal-eżerċizzju u jiddeċiedu dwar strateġija mas-sieħba jew is-sieħeb tagħhom.
3. Għid lill-istudenti li għandhom ħames minuti biex ilestu l-eżerċizzju tagħhom billi jikkooperaw ma' xulxin. M'hemm ebda regola dwar kif għandhom jilħqu l-għan tagħhom, ħlief li jevitaw il-periklu, jikkooperaw u juru r-rispett.
4. Ikkunsidra l-possibbiltà li tuża kronometru mill-bidu tal-attività.

» **Jitlesta l-kompitu (5 minuti)**

1. L-istudenti jistgħu jaġixxu jew ma jaġixx f'dan il-punt. Xi wħud għandhom imnejn jaħdmu flimkien ma' oħrajn mill-ewwel, u xi wħud għandhom imnejn jippruvaw jingħaqdu jew ipartu kards ma' xi ħadd ieħor biex ilestu 2. l-mejda tagħhom. Hu ħsieb li timmotiva lill-istudenti biex ilestu l-eżerċizzju tagħhom u żomm għajnejk fuq il-ħin waqt li l-istudenti jkunu okkupati.
2. Avża lill-istudenti meta jkun fadlilhom biss minuta biex ilestu l-eżerċizzju tagħhom.
3. Meta jispiċċa l-ħin, itlob lill-istudenti jpoġġu bilqiegħda u jirrilassaw.

» **L-għadd tal-imwejjed lesti (massimu ta' 2 minuti)**

1. Għid lill-istudenti kemm jista' jkun hemm imwejjed (gruppi sħaħ ta' erba' kards).
2. Staqsijhom min lesta l-eżerċizzju tiegħu u kif. **Nota:** l-eżerċizzju jkun lest jekk l-istudenti jkollhom l-erba' kards meħtieġa biex jibnu mejda u huwa permess li jkun hemm diversi pari ta' studenti li jaqsmu l-erba' kards tagħhom. Mejda mingħajr waħda mill-kards (pereżempju, il-viti) ma titqiesx eżerċizzju lest.
3. **Għażla A:** Jekk l-istudenti ħadmuha bejniethom flimkien u l-imwejjed kollha huma lesti, huma ħadmu flimkien perfettament. Dan ikun il-punt tat-tluq għar-riflessjoni li ssegwi.
Għażla B: Jekk l-istudenti ma jkollhomx l-imwejjed kollha lesti, setgħu ħadmu flimkien aħjar (jew b'mod differenti). Dan ikun il-punt tat-tluq għar-riflessjoni li ssegwi.

» **Riflessjoni (massimu 3 minuti)**

1. Staqsi lill-istudenti kollha biex jieħdu posthom qabel ma tibda d-diskussjoni/riflessjoni fil-klassi.
2. **Għażla A:** Jistgħu, l-istudenti, jirriflettu dwar x'għamlu biex waslu għal dan is-suċċess flimkien? Stieden lil xi studenti biex jesprimu ħsiebiethom.
Għażla B: Għaliex mhux kulħadd lesta l-eżerċizzju tiegħu? X'jaġhmlu differenti kieku jkollhom jergħu jaġhmlu dan l-eżerċizzju? Stieden lil xi studenti biex jesprimu ħsiebiethom.

3. Għid lill-istudenti li l-iskop ta' dan l-eżerċizzju kien li jitgħallmu jaħdmu flimkien. Bin-negozjar, kulħadd jista' jkun parti minn tim rebbieħ!
4. Staqsi lill-istudenti dwar il-benefiċċji tal-ħidma flimkien li gawdew minnhom fuq ix-xogħol, fl-iskola jew waqt attivitajiet oħra fil-ħajja tagħhom. Dan jista' jgħin视角 jorbtu mas-suġġett (27 Stat Membru tal-UE jaħdmu flimkien).

» **Ir-rabta mas-suġġett (massimu 3 minuti)**

1. Issa għaddi għas-suġġett tal-lezzjoni: 27 pajjiż jaħdmu flimkien fl-Unjoni Ewropea. Itlob lill-istudenti jimmaġinaw lill-UE bħala mejda kbira u kumplessa li dawn il-pajjiżi kollha kkontribwew biex jibnu, u tkellem dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom kollha. Billi jaħdmu flimkien, is-27 pajjiż tal-UE jistgħu jsibu soluzzjonijiet għal problemi u sfidi li jaqsmu l-fruntieri. Tista' tipprovdi xi eżempji (it-tibdil fil-klima, id-diġitalizzazzjoni, il-pandemija tal-COVID-19, eċċ.).
2. Jekk tixtieq, tista' tuża s-slides **ipprovduti** biex tispjega l-metafora u turi din ir-rabta aħjar lill-istudenti.

**PASS NRU 3: FILMAT #EUROPEANS U DISKUSSIONI
(MASSIMU 15-IL MINUTA)**

ATTIVITÀ — Filmat #Europeans u diskussjoni

L-istudenti jaraw wieħed mill-filmati #Europeans u jiddiskutu kif il-kontenut tal-filmat (u l-involviment tal-UE) jorbot ma' ħajjithom u/jew ma' pajjiżhom.

Inti bħala prattikant (għalliem/a, edukatur professjonali) tagħżel wieħed mill-filmati #Europeans li l-grupp tiegħek jista' jirrelata miegħu. Fl-approċċ pass pass hawn taħt issib xi suġġerimenti. Idealment, il-filmat għandu jkun minn pajjiż ieħor tal-UE. Il-filmati kollha huma disponibbli bil-lingwa nazzjonali tal-istorja, b'sottotitoli bl-Ingliż.

Nota: Għal xi gruppi, l-użu tas-sottotitoli bl-Ingliż jista' jkun diffiċli. F'dak il-każ, iċċekkja jekk il-filmat minn pajjiżek huwiex dwar suġġett li l-grupp jista' jirrelata miegħu.

- Tista' ssib il-filmati [#Europeans](#)¹ hawnhekk. Filmati ssuġġeriti li l-grupp tiegħek jista' faċilment jirrelata magħhom jew jappellawlu: Watch this backflip (il-Latvja), All for one and one for all (il-Greċja), How Rugby made me proud (l-Irlanda), Cheers to cross-border love! (id-Danimarka/il-Bulgarija), One boat, one planet (in-Netherlands), Back to the countryside (Franza), The power of community action (l-Italja).
- Hu ħsieb li jkollok konnessjoni tal-internet stabbli matul il-lezzjoni. Jekk le, tista' tniżżel il-filmat qabel ma tibda l-lezzjoni.

» **Il-filmat (massimu 5 minuti)**

1. Qabel ma tibda l-filmat, hu ħsieb li l-istudenti kollha qegħdin attenti għall-iskrin. L-attività preċedenti kienet interattiva ħafna u li jaraw filmat jeħtieġ livell differenti ta' enerġija u konċentrazzjoni mill-istudenti.
2. Introduċi l-filmat fil-qosor: spjega lill-istudenti li l-politika tal-UE għandha impatt fuq ħafna livelli differenti u li issa ser jaraw eżempju ta' dan. Tista' tagħtihom ukoll xi indikazzjonijiet dwar is-suġġett tal-filmat.

1 <https://newsroom.consilium.europa.eu/events/20191027-europeans>

Nota: Biex tgħin lill-istudenti jiffukaw fuq il-filmat, aħseb dwar mistoqsija li jridu jwieġbu wara li jaraw il-filmat u saqsihielhom qabel jarawh.

3. Meta l-filmat ikun lest, staqsi lill-istudenti minnufih għat-tweġibiet tagħhom. B'dan il-mod tista' tiżgura li jibqgħu ffukati fuq is-suġġett.

» **Diskussjoni (massimu 10 minuti)**

L-għan ta' din il-konverżazzjoni mal-grupp huwa li l-eżempju fil-filmat jintrabat ma' ħajjithom.

1. Ibda billi titlob lil xi ħadd mill-istudenti jiddeskrivi fil-qosor is-suġġett tal-filmat.
2. Itlob lill-grupp biex jesprimu ħsibijiethom. Hemm eżempji bħal dawn f'pajjiżhom? Huwa suġġett li jħossu li huwa importanti?
3. Jifhm u kif il-ħidma tal-UE hija relatata ma' dan? L-UE b'liema mod għamlet differenza f'din is-sitwazzjoni?
4. Għalkemm din l-istorja hija dwar pajjiż differenti, jistgħu jispjegaw għaliex hija marbuta magħhom? Forsi jafu eżempju ieħor ta' politika tal-UE li taffettwalhom ħajjithom direttament?
5. Meta ma jkunx fadal ħin, agħlaq billi tispjega li s-27 pajjiż tal-UE flimkien jadottaw regoli u leġislazzjoni komuni li jaffettwaw liċ-ċittadini kollha tal-UE. Is-27 Stat Membru għandhom valuri komuni li jiggwidaw l-azzjonijiet tagħhom. Għalkemm il-pajjiżi jista' jkollhom opinjonijiet differenti dwar kif isolvu l-problemi, iridu jsolvuhom flimkien. Hawn mill-ħin huma jaħdmu fuq kwistjonijiet li jaqsmu l-fruntieri u li koll jeħtiġilna nittrattaw. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa l-istituzzjoni fejn il-pajjiżi kollha tal-UE huma rappreżentati u jaħdmu flimkien biex jieħdu deċiżjonijiet, flimkien mal-Parlament Ewropew. Fil-Kunsill Ewropew, il-mexxejja tal-pajjiżi kollha tal-UE jiddefinixxu d-direzzjoni politika ġenerali u l-prijoritajiet tal-UE flimkien.

Nota: Għal din l-aħħar parti tista' tuża s-slides **ipprovduti**.

PASS NRU 4: KWIZZ (10 MINUTI)

ATTIVITÀ — Kwizz

L-istudenti jikkompetu fi kwizz interattiv. Huma jinqasmu f'timijiet ta' tlieta, magħżula bl-addoċċ biex jiġi żgurat li jaħdmu flimkien ma' oħrajn li ma għażlux huma stess. Wara kull mistoqsija, it-timijiet jingħataw 10 sekondi biex jiddeċiedu x'inh i t-tweġiba t-tajba. Iridu jagħżlu waħda minn għadd ta' tweġibiet possibbli u t-timijiet jagħtu t-tweġibiet tagħhom billi jimxu lejn rokna jew naħa tal-klassi. B'dan il-mod huma jibqgħu jiċċaqalqu matul l-attività.

- F'idejk bħala prattikant jekk tixtieqx li jkollok tim rebbieħ fi tmiem il-kwizz. F'dak il-każ, kull tim jieħu punt għal tweġiba korretta u t-tim bl-aktar punti jirbaħ il-kwizz.
- Uża s-slides **ipprovduti** biex turi l-mistoqsijiet u t-tweġibiet possibbli.
- Hemm 10 mistoqsijiet fil-kwizz. Ikun aħjar jekk tieħu l-ħin li hemm bżonn għal ħames jew sitt mistoqsijiet, biex l-istudenti jkun jistgħu jaħsbu dwar it-tweġibiet tagħhom u inti tispjega għaliex tweġiba partikolari hija korretta, milli tagħmel l-10 mistoqsijiet kollha bl-għaġla.

» **Agħmel timijiet u spjega kif jaħdem il-kwiżż (massimu 2 minuti)**

1. Għid lill-istudenti li ser jaħdmu flimkien f'timijiet ta' madwar tlieta biex jagħmlu kwiżż. Tista' tadatta d-daqs tat-timijiet skont in-numru totali ta' studenti.
2. Aqsam in-numru ta' studenti fi tlieta. Jekk ir-riżultat huwa 5, pereżempju, agħti lil kull student numru minn 1 sa 5. L-istudenti kollha bl-istess numru jagħmlu tim flimkien.
3. Spjega kif jaħdem il-kwiżż. Wara ftit uri l-ewwel mistoqsija u xi tweġibiet possibbli. Għidilhom ukoll fejn iridu jmorru fil-klassi biex jagħtu t-tweġiba tagħhom.
Nota: Huwa kunċett sempliċi li m'għandux bżonn wisq spjegazzjoni. Ħalli lill-istudenti jsiru jafu kif jaħdem waqt li jilagħbu l-kwiżż.
4. Hu ħsieb li jkunu jafu kif jistgħu jirbħu jekk tiddeċiedi li tagħti l-punti.

» **Mistoqsijiet tal-kwiżż (skont kemm baqagħlek ħin, minimu 5 minuti)**

1. Aqra kull mistoqsija u t-tweġibiet possibbli mis-slides ipprovduti. Għid u indika lill-istudenti fejn għandhom imorru għal kull tweġiba. (Pereżempju: Jekk taħseb li hija t-tweġiba A, iridu jmorru bilwieqfa fir-rokna ħdejn it-tieqa).
2. Uża l-kronometru fis-slides biex tagħtihom 10 sekondi biex iwieġbu l-mistoqsija.
3. Agħtihom it-twegiba t-tajba meta kull grupp ikun iddeċieda fejn għandu joqgħod.
4. Agħti spjegazzjoni qasira tat-tweġiba t-tajba qabel ma tgħaddi għall-mistoqsija li jmiss. Jekk ħafna studenti jagħtu tweġiba ħażina, hu ftit aktar ħin biex tiċċekkja jekk fehmux l-isjegazzjoni tiegħek.
5. Jekk qed tagħti l-punti, għid liema timijiet ingħataw punt għat-tweġiba tajba tagħhom.
6. Komplu kif deskritt hawn fuq sakemm ma jibqagħlekx ħin. Jekk qed tagħti l-punti, agħżel ir-rebbieħ aħħari.
Nota: Hu ħsieb li tħalli biżżejjed ħin biex tagħmel il-pass nru 5.

» **Mistoqsijiet tal-kwiż (tweġibiet tajbin bil-korsiv)**

1. Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiż tal-UE huma awtomatikament ċittadini tal-UE.
Veru/Falz
2. Kemm-il pajjiż huma Stati Membri tal-UE?
25, 26, 27 jew 28
3. Kemm għandha lingwi uffiċjali l-UE?
20, 21, 22 jew 24
4. Il-membri ta' liema istituzzjoni tal-UE huma eletti direttament miċ-ċittadini tal-UE?
Il-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni Ewropea
5. Liema hija l-unika istituzzjoni tal-UE li tista' tipproponi leġislazzjoni ġdida?
Il-Parlament Ewropew / il-Kummissjoni Ewropea / il-Kunsill tal-UE
6. Min jieħu sehem fil-laqgħat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea?
Il-kapijiet ta' stat/gvern jew ministru wieħed minn kull pajjiż tal-UE
7. Is-27 mexxej tal-UE jistgħu jieħdu deċiżjonijiet flimkien dwar liġijiet ġodda għaċ-ċittadini kollha tal-UE?
Iva jew le
8. Liema pajjiż issieħeb fl-UE l-aħħar?
Il-Kroazja jew Malta
9. Pajjiżi akbar għandhom aktar setgħa fl-UE.
Veru jew falz
10. L-euro hija l-munita f'kull wieħed mis-27 pajjiż tal-UE?
Iva jew le

PASS NRU 5: TMIEM IL-LEZZJONI (MINIMU 5 MINUTI)

1. Ara li l-istudenti kollha jkunu marru f'posthom wara li jipparteċipaw fil-kwiż.
2. Staqsi lil xi wħud mill-istudenti x'ħadu minn din il-lezzjoni. Jista' xi ħadd jgħidlek xi ħaġa li tgħallim? X'jafu issa li ma kinux jafu qabel?
3. Iċċekkja jekk wasalx il-messaġġ dwar il-ħidma flimkien, billi tistaqsi lil xi wħud mill-istudenti għaliex is-27 Stat Membru jaħdmu flimkien.
4. Irringrazzja lill-istudenti talli pparteċipaw. Wieġeb kwalunkwe mistoqsija li l-istudenti jkollhom.

TRID TQATTA' AKTAR ĦIN TGĦALLEM DWAR IL-KUNSILL?

Nittamaw li inti u l-istudenti ħadtu gost waqt il-lezzjoni. Jekk tixtieq tkun taf aktar jew tqatta' aktar ħin tgħallem dwar il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jekk jogħġbok agħti daqqa t'għajn lejn [il-lezzjoni dwar il-Presidenza tal-Kunsill](#), li hija lesta biex tintuża, jew is-[sit web](#) tal-Kunsill, fejn tista' ssib ħafna informazzjoni, pubblikazzjonijiet u filmati li tista' tuża.

Kont taf li tista' wkoll tibbukja [żjara ta' grupp fil-bini tal-Kunsill?](#) Jekk ma tistax tiġi Brussell, dejjem tista' tagħmel [dawra virtwali](#) mal-istudenti tiegħek.

Jekk tixtieq tgħallem aktar dwar l-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali, tista' ssib materjal fir-[Rokna tat-tagħlim tal-UE](#).

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://op.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' taksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <https://eur-lex.europa.eu>

Data Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Data Miftuħa mill-UE (<https://data.europa.eu/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-data mill-UE. Id-data tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

AVVIŻ TA' EDIZZJONI

Din il-pubblikazzjoni tnejn mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (SĠK) u hi maħsuba għal finijiet ta' informazzjoni biss. La tinvolvi r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u lanqas tal-Istati Membri.

Għal aktar informazzjoni dwar il-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, jekk jogħġbok ikkuntattja s-servizz ta' Informazzjoni għall-Pubbliku tas-SĠK:

www.consilium.europa.eu/mt/infopublic

La l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kunsill ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Għalkemm nagħmlu kull sforz biex niżguraw li l-links f'din il-pubblikazzjoni jkunu preċiżi u aġġornati, is-SĠK ma jistax jinżamm responsabbli għal links li ma jaħdmux sew.

Print ISBN 978-92-824-8276-6 doi:10.2860/163364 QC-01-21-355-MT-C

PDF ISBN 978-92-824-8255-1 doi:10.2860/79670 QC-01-21-355-MT-N

L-użu mill-ġdid hu awtorizzat dment li ssir referenza għas-sors. Il-politika tal-użu mill-ġdid tal-Kunsill hija implimentata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1842 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-politika tal-Kunsill dwar data miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kunsill (ĠU L 262, 12.10.2017, p. 1).

© L-Unjoni Ewropea, 2022

Il-qoxra: © 123.rf, Silantiy

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.



Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles • Brussel
Belgique • België
Tel. +32 (0)2 281 61 11

—
www.consilium.europa.eu

—
    /eucouncil


Naħdmu flimkien fl-Unjoni Ewropea

Pakkett edukazzjoni ċivika



Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali

Nibnu mwejjed sodi



>>> Ibda għodd 5 minuti

Kemm tlestew imwejjed sodi?



Dan possibbli biss meta naħdmu flimkien!

27 pajjiż tal-UE
jaħdmu madwar il-
mejda flimkien



Isibu soluzzjonijiet għal problemi li jaqsmu l-fruntieri

27

stat
membru

446

miljun ċittadin

24

lingwa
uffiċjali



#EUROPEANS

L-istituzzjonijiet tal-UE





Mistoqsija nru 1

Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiż tal-UE huma awtomatikament ċittadini tal-UE.

Veru jew falz?

Mistoqsija nru 1

Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiż tal-UE huma awtomatikament ċittadini tal-UE.

Veru jew falz?

Veru



Mistoqsija nru 2

Kemm hemm pajjiżi li huma stati membri tal-UE?

25, 26, 27 jew 28?



Mistoqsija nru 2

Kemm hemm pajjiżi li huma stati membri tal-UE?

25, 26, 27 jew 28?

27



Mistoqsija nru 3

Kemm għandha lingwi uffiċjali I-UE?

20, 21, 22 jew 24?



Mistoqsija nru 3

Kemm għandha lingwi uffiċjali I-UE?

20, 21, 22 jew 24?

24



Mistoqsija nru 4

Il-membri ta' liema istituzzjoni tal-UE huma eletti direttament miċ-ċittadini tal-UE?

Il-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni Ewropea?



Mistoqsija nru 4

Il-membri ta' liema istituzzjoni tal-UE huma eletti direttament miċ-ċittadini tal-UE?

Il-Parlament Ewropew jew il-Kummissjoni Ewropea?

Il-Parlament Ewropew



Mistoqsija nru 5

Liema hija l-unika istituzzjoni tal-UE li tista' tipproponi leġiżlazzjoni ġdida?

Il-Parlament Ewropew / il-Kummissjoni Ewropea / il-Kunsill tal-UE?



Mistoqsija nru 5

Liema hija l-unika istituzzjoni tal-UE li tista' tipproponi leġiżlazzjoni ġdida?

Il-Parlament Ewropew / il-Kummissjoni Ewropea / il-Kunsill tal-UE?

Il-Kummissjoni Ewropea



Mistoqsija nru 6

Min jieħu sehem fil-laqqgħat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea?

Il-kapijiet ta' stat/gvern jew ministru wieħed minn kull pajjiż tal-UE?



Mistoqsija nru 6

Min jieħu sehem fil-laqqgħat tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea?

Il-kapijiet ta' stat/gvern jew ministru wieħed minn kull pajjiż tal-UE?

Ministru wieħed minn kull pajjiż tal-UE



Mistoqsija nru 7

Jistgħu s-27 mexxej tal-UE jieħdu deċiżjonijiet flimkien dwar liġijiet ġodda għaċ-ċittadini kollha tal-UE?

Iva jew le?



Mistoqsija nru 7

Jistgħu s-27 mexxej tal-UE jieħdu deċiżjonijiet flimkien dwar liġijiet ġodda għaċ-ċittadini kollha tal-UE?

Iva jew le?

Le

Mistoqsija nru 8

Liema pajjiż issieħeb fl-UE l-aħħar?

Il-Kroazja jew Malta?



Mistoqsija nru 8

Liema pajjiż issieħeb fl-UE l-aħħar?

Il-Kroazja jew Malta?

Il-Kroazja



Mistoqsija nru 9

Pajjiżi akbar għandhom aktar
setgħa fl-UE.

Veru jew falz?



Mistoqsija nru 9

Pajjiżi akbar għandhom aktar
setgħa fl-UE.

Veru jew falz?

Falz



Mistoqsija nru 10

L-euro hija l-munita f'kull wieħed mis-27 pajjiż tal-UE?

Iva jew le?



Mistoqsija nru 10

L-euro hija l-munita f'kull wieħed mis-27 pajjiż tal-UE?

Iva jew le?

Le



Grazzi talli ħadtu sehem!



X'tgħallimtu llum?

Kards għall-attività "Nibnu Flimkien"

Ipprintja l-kards u qasqashom (it-total meħtieġ jiddependi min-numru ta' studenti).



Saqajn ta' mejda

Biex tibni mejda soda għandek bżonn
erba' kards:

- Wiċċ ta' mejda
- Saqajn ta' mejda
- Viti

Turnavit

Wiċċ ta' mejda

Biex tibni mejda soda għandek bżonn
erba' kards:

- Wiċċ ta' mejda
- Saqajn ta' mejda
- Viti

Turnavit

Turnavit

Biex tibni mejda soda għandek bżonn
erba' kards:

- Wiċċ ta' mejda
- Saqajn ta' mejda
- Viti
- Turnavit

Viti

Biex tibni mejda soda għandek bżonn
erba' kards:

- Wiċċ ta' mejda
- Saqajn ta' mejda
- Viti
- Turnavit